MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2007

Numru 377/1993

**Kumpilazzjoni nru 377/93**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Ellul Bonici )**

**Vs**

**Manweli sive Emmanuel Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli, f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' ghamel falsifikazzjoni jew tibdil fil-dettalji kronologici ta' rapport ta' Bord Mediku mwaqqaf mill-Forzi Armati ta' Malta; u aktar talli xjentement ghamel uzu mid-dokument falsifikat imsemmi (Art. 183 u 184 ta' Kap 9);
b) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, u cioe' permezz ta' l-imsemmi dokument falz, ghamel qliegh ta' Lm1003.068 bi hsara tal-Gvern ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 123 tal-atti) u li biha, billi dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat, a basi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 18, 179, 180, 183, 184, 186, 187, 188, 308, 309, 310(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti, f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (fol 122 ibid).

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-Ufficjal Prosekutur, fix-xhieda tieghu (fol 16a et seq ibid) spjega illi dan il-kaz kien gie investigat minn wara rapport bil-miktub mid-Direttur tal-verifika, liema rapport kien jirreferi ghal certifikat mediku mahrug mill-Forzi Armati ta' Malta favur l-akkuzat u kien gie allegatament falsifikat. Difatti, skond dejjem l-istess xhieda, dan ic-certifikat fl-original kien datat is-6 ta' Ottubru 1989 waqt li l-kopja li kienet f'idejn id-Dipartiment tat-Tezor kellha data differenti u giet mibdula ghas-6 ta' April 1990. Inoltre kien hemm tibdil fl-eta tal-akkuzat li, fl-original imsemmi kienet

imnizzla korrettament bhala 32 sena waqt li fil-kopja imsemmija ukoll kienet giet mibdula ghal 33 sena.

Konsegwentement, meta l-akkuzat kien gie “boarded out”, fuq ragunijiet medici, mill-Forzi Armati fejn kellu l-grad ta’ “gunner”, hu kien thallas is-somma ta’ Lm1003.06,8 “ aktar milli suppost” u dan bhala konsegwenza diretta tal-kalkoli li saru mid-Dipartiment tat-Tezor a basi tal-kopja kif mibdula tac-certifikat mediku in kwistjoni. In rigward dan, ix-xhud esebixxa d-dokument a fol 23 tal-atti u mmarkat Dok KEB1 ossija ir-rapport mediku li nghata lilu mid-Direttur tal-Verifika u dan fl-original (ara x-xhieda ta’ Peter Ferry “infra”).

Sussegwentement hu kien interroga lill-akkuzat u dan irrilaxxa l-<u>istqarrija</u> li tinsab a fol 24 et seq ibid u mmarkata <u>Dok KEB2</u>. Ix-xhud fil-qasir qal li, ghall-bidu l-akkuzat kien qal <u>li ma kien jaf xejn dwar dan il-kaz</u>. Pero, sussegwentement kien qal li kien dispost li jirrifondi l-flus zejda mhallsin lilu u li kien tkellem ma’ persuna ohra li ma kienx jaf x’jisimha li kienet giet “boarded out” qablu. Dwar din il-persuna, l-akkuzat pero’, kien wera lill-Pulizija (ara ix-xhieda ta’ <u>PS 1287 John Zammit u PC 569 Anthony Cassar</u> a fol 29 et seq ) “garage” f’San Gwann inkonnessjoni ma’ din il-persuna u, skond l-akkuzat kienet giet mitluba minnu “sabiex tghinu jigi ‘boarded out’“.

Difatti l-Pulizija kellmet lil din il-peruna, certu Alfred Sant minn San Gwann u dan kien qal li kien spjega lill-akkuzat x’kienet il-procedura sabiex wiehed jigi “boarded out” u li “ma kien ghamel xejn hazin”. Fil-fatt l-akkuzat qatt ma kien ammetta li kien ghamel “… xi haga hazina sabiex jiehu dawn il-flus” waqt li, kif diga inghad, kien qal ukoll li kien dispost li jirrifondi l-ammont in eccess imhallas lilu. Fil-kontro esami, ix-xhud semma’ illi il-<u>kopja tar-rapport mediku allegatament iffalsifikata</u>, tinsab f’idejn id-Dipartiment tat-tezor fil-“file” relattiv waqt li d-dokument esebit bhala Dok KEB1 kien fil-file tal-Forzi Armati ta’ Malta. Inoltre hu semma illi kien hemm “file” dwar il-kaz in esami f’idejn id-Dipartiment tat-Tezor u dan kontenenti kopja tal-istess Dok KEB1 allegatament fasifikata izda meta dan il-“file” kien gie konsenjat lura mit-Tezor lill-Forzi

Armati effettivament gie "misplaced". Ghalhekk, dan il-"file" gie rikostitwit minn Lt. Col. Rupert Montanaro. Konsegwentement il-kopja tal-imsemmi Dok KEB1 u li hi allegatament giet "mibdula" jew "allegatament falsifikata" giet certifikata bhala "a true copy of the original" mill-istess Fizzjal imsemmi. Dwar dan, pero' ix-xhud spjega li l-istess Fizzjal "qaluli li jkollu hafna minn dawn ic-certifikati u ma qaghdx jivverifika mal-original". Inoltre l-istess file rikostitwit kien intbaghat lura ghand it-Tezor u a basi tad-dokumenti f'dan il-'file' rikostitwit, fosthom id-dok KEB1 iffalsifikat, inhadmet, u hekk l-akkuzat ircieva, kemm il-pensjoni kemm il-'gratuity' . Fl-ahharnett semma' li d-Dipartiment tal-Verifika sar jaf dwar dan il-kaz "wara xi sentejn".

Ikkunsidrat

Illi Peter Ferry (fol 32 et seq ibid) gja msemmi spjega illi, bhala ufficjal fid-Dipartiment tal-Verifika, kien gie inkarigat, flimkien ma Brian Vella, sabiex jivverifika l-pensjonijiet li kienu hadu membri tal-Forzi Armati mill-1990 il-quddiem, b'mod specifiku dawk li kienu gew "boarded out " minhabba ragunijiet medici. Jidher li tali verifiki kienu jinvolvu l-files li kienu fil-pussess tal-Forzi Armati u dawk relattivi f'idejn il-Tezor u dan sabiex jigu paragunati d-dokumenti hemm inseriti. F'kaz wiehed, dak tal-akkuzat, instab "li kien hemm dati li ma kienux jaqblu bejn iz-zewg 'files'". Filfatt, fil-"file" personali tal-akkuzat ghand il-Forzi Armati kien hemm rapport mediku iffirmat minn tlett tobba u li ma kienx fl-original, kif suppost. Inoltre l-istess xhud qal li fil-"file" fil-pussess tat-Tezor, l-eta' tal-akkuzat "l-ahhar numru cjoe it-2 kien imdawwar bhala 3 cjoe bhala eta' giet 33". Inoltre kien hemm differenza fid-data ta' meta dan ir-rapport mediku kien gie ffirmat mit-Tobba involuti fis-sens li f'dak fil-pussess tat-Tezor, certifikat bhala "a certified true copy", kien hemm id-data tas-"6 ta' April 1990" waqt li dak fil-"file" f'idejn il-Forzi Armati, l-istess data kienet "6 ta' Ottubru 1989". Skond l-istess xhud, mill-verifiki li saru fil-"file" fil-pussess tal-Forzi Armati kien hemm indikazzjoni li l-imsemmi dokument kien inhareg fl-1989. Hawnhekk hu esamina id-dokument immarkat Dok KEB1 a fol 23 ibid, u ssottolinea li ma kienx

ra dan ic-certifikat fl-original u ma setax jghid f'liema "file" kien dan id-dokument. Difatti dak li kien esamina u kien fil-"file" tal-Forzi Armati kienet vera fotokopja ta' dan id-dokument minghajr ma kien hemm xi bdil jew differenza fl-eta u fid-data kif hawn fuq spjegat. Inoltre dwar il-kliem "certified true copy" kienu ukoll fotokopja fuq ir-rapport mediku fil-"file" tal-Forzi Armati waqt li f'dak f'idejn it-Tezor l-istess kliem kienu miktubin bl-inka. Fl-ahhar nett ix-xhud semma, u rega irrefera ghar-rikostituzzjoni tal-'file", li kien sar mill-Kurunell Rupert Montanaro, li dwar dan il-punt, kien ra ittra fil-'file' fil-pussess tat-Tezor iffirmata mill-istess fizzjal dwar ir-rikostituzzjoni tal-istess "file" (ara ukoll dak li xehed Brian Vella a fol 73, fol 86 u fol 118 ibid).

Ikkunsidrat

Illi daparti tal-Forzi Armati, gew prodotti:-

a) Il-Kurunell Claude Gaffiero (fol 42 sa 45 ibid) li spjega illi l-akkuzat kien dam, mit-28 ta' Marzu 1989 sa aktar minn hames xhur wara', fuq 'leave' minhabba mard u ghalhekk kien irrakkomanda li l-istess akkuzat jghaddi minn bord mediku. Difatti dan il-Bord iltaqa fis-6 ta' Ottubru 1989" u gie konklus li ma kienx tajjeb ghas-servizz militari. Pero', kien sab li f'Mejju 1990 l-akkuzat ma kienx ghadu gie "discharged". Wara li x-xhud spjega x'kienet il-procedura f'kazijiet bhal dawn, hu semma illi ma kienx jaf jekk kien hemm xi "file" li ntilef in rigward l-akkuzat.

b) Il-Maggur Robert Galea (fol 53 u fol 107 et seq ibid), it-Tabib tal-Forzi Armati ta' Malta, spjega li vis-à-vis l-akkuzat kien gie fformat Bord mediku, bl-istess xhud bhala wiehed mill-membri. In rigward ir-rapport tal-istess Bord, hu spjega li l-original jintbaghat lill-Kwartieri Generali waqt li "carbon copy" tinzamm fic-centru mediku. Hawnhekk hu esebixxa din il-'carbon copy' (Dok RG a fol 56 ibid) rilevanti ghal dan il-kaz u li kien fic-centru li ssemma. Wara li semma li membru iehor tal-istess bord kien gie sostitwit, hu spjega li d-data "6/10/89" fin-naha ta' isfel fuq il-lemin, kienet id-data meta kien iltaqa l-istess Bord. Inoltre hu semma' ukoll illi l-akkuzat kien qed jippressah sabiex jinhareg dan ir-rapport. Dwar il-kitba fuq

id-dokument immarkat Dok KEB1 a fol 23 ibid, hu kien cert illi dak miktub fil-paragrafu wiehed (1) kien inkiteb minn BSM Loreto Abela waqt li dak mnizzel fil-paragrafu tnejn (2) kien bil-kitba tieghu (ara x-xhieda ta' BSM Loreto Abela a fol 115 ibid). L-istess xhud spjega ukoll dwar "files" fis-"section" tieghu u l-accessibilita' limitata ghall-istess files.

c) Il-Kurunell Rupert Montanaro (fol 57, 77, fol 87, 95 u fol 105) beda biex irrefera ghad-dokument markat Dok MB1 (ara 'infra') a fol 52 ibid u kkonferma illi l-kliem miktub bl-ahmar "certified true copy of the original" gie miktub minnu u bil-firma tieghu. Sussegwentement hu spjega li hemm zewg tipi ta' "files" cjoe dak personali ghal kull membru tal-Forzi Armati u dak li jirreferi ghal pensjoni bid-dokumenti u certifikati relattivi ghal din, bl-ewwel wiehed jinzamm mill-istess Forzi Armati. Hu kompla biex jghid illi l-file tal-pensjoni tal-akkuzat kien gie rinvjat lit-Tezor, kontenenti kopja tar-rapport tal-Bord mediku (bl-original jinzamm mill-Forzi Armati) flimkien mad-dokumenti rilevanti ghall-pensjoni li kellha tinghata lill-akkuzat. Sussegwentement, matul Dicembru 1990, kien ircieva telefonata minghand Mario Brincat (ara infra) li staqsa lix-xhud jekk kienx ircieva lura il-"file" tal-pensjoni tal-akkuzat minhabba xi "query" estranea ghal kaz in esami u ghal dan, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Din il-"query" kienet dwar "xahar u nofs in rigward il-perjodu meta suppost il-bniedem kien di gja spicca mis-servizz tieghu …".

Difatti x-xhud kien fittex l-istess 'file' tal-pensjoni u ma kienx sabu kemm fil-"finance office" tal-Forzi Armati kemm fil-kwartieri generali. Difatti ma kien sab ebda evidenza li l-istess "file' kien gie rcevut mill-Forzi Armati wara li kien intbaghat lura mit-Tezor. Ghalhekk, ix-xhud kien ghamel tentattiv ghar-rikostituzzjoni tal-istess file minn fuq dak fil-pussess tal-Forzi Armati cjoe il-"personal file" tal-akkuzat. In rigward id-dokument Dok MB1 fil-bidu qal li dan kien inserit fil-"personal file" tal-akkuzat. Pero hawnhekk ix-xhud ikkorrega ruhu u qal li dan id-dokument kien, filfatt, jinsab f"wiehed mill-'general files'" u kien instab mill-"administration clerk" tax-xhud u nghata lilu minn wiehed mill-iskrivani tieghu. Inoltre kienet giet rintraccata kopja

ohra tal-istess Dok MB1, u dan f'file iehor maghruf bhala il-"head quarters file" liema kopja giet esebita bhala Dok RM (a fol 64 ibid). Meta spicca jirrikostitwixxi il-'file' tal-pensjoni tal-akkuzat, inkluz id-dokument markat Dok MB1, l-istess 'file' kien intbaghat lura lit-Tezor.

Sussegwentement, wara li ghadda certu zmien, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati kien informah illi "mid-dehra kien hemm xi tidwir jew tbaghbis f'certifikat …". Hawnhekk ix-xhud kien intwera l-istess Dok MB1 u l-original, dan tal-ahhar fil-pussess tal-Forzi Armati fil-personal file tal-akkuzat u kien kulur ahdar". Hawnhekk hu seta' jara li fuq l-original, id-data indikata fuq kienet is-"6 ta' Ottubru 1989" waqt li "dik li fuqha jiena kont iccertifikajt bhala vera kopja, kienet 6 ta' April 1990", differenza ta' sitt xhur waqt li ma kienx ta kaz ta' dak imnizzel bhala eta. "Ghalhekk jiena stajt niskopri li fil-'main file' … kien hemm certifikat mediku rilaxxat mill-'medical board' li ma kienx jirrifletti … ic-certifikat mediku originali". In kontroesami, x-xhud semma li kienet saret inkjesta interna mill-Kmandat tal-Forzi Armati u dan kien qallu "… li ma irrisultalux minn fejn kienet saret it-tibdil in esami" u ghalhekk kien talab l-intervent tad-Dipartiment tal-Verifika u rrakkomanda li l-istess kaz jigi investigat mill-Pulizija. Fl-ahhar nett ix-xhud esebixxa d-dokumenti kollha li setghu kienu rilevanti ghal dan il-kaz inkluz il-'file' personali tal-akkuzat" (ara fol 96 u fol 97).

Ikkunsidrat

Illi, da parti tad-Dipartiment tat-Tezor xehed Mario Brincat (fol 40 u fol 88 ibid) u dan spjega, permezz ta' "computer print out" kif ibbenifika l-akkuzat minhabba it-Tibdil, kif hawn fuq spjegat fic-certifikat mahrug mill-Bord Mediku (ara l-anness Dok MB a fol 51 ibid) u kemm kien l-ammont involut cioe Lm1003.06,8. Difatti l-kalkoli li kienu saru in rigward l-akkuzat, kienu saru a basi tad-dokument esebit mix-xhud stess u mmarkat Dok MB1 a fol 52 ibid cjoe dak li gie certifikat bhala 'vera kopja' mill-Kurunell Rupert Montanaro meta dan kien irrikostitwixxa l-'file' mitluf. Ix-xhud spjega li, a basi tad-data fuq dan ic-certifikat mediku, l-akkuzat kien ha s-salarju shih sat-3 ta' Mejju 1990, bil-

pensjoni tibda mill-ghada waqt li, kieku saru l-kalkoli a basi tac-certifikat mediku awtentiku, l-pensjoni kellha tibda tithallas qabel cjoe mill-11 ta' Novembru 1989. L-istess xhud semma' ukoll li ma setax jiftakar jekk kienx ra l-file originali mitluf, u lanqas ma seta jghid meta kien intbaghat l-stess 'file' originali lura lill-Forzi Armati. Pero il-kopja rikostitwita kienet waslet ghandu fil-15 ta' Frar 1991. Inoltre fil-'file originali', kien cert li kien hemm ir-rapport tal-Bord mediku pero' ma setax "niftakar id-data fuq dan ir-rapport'.

Ikkunsidrat

Illi fost membri tal-bord mediku, oltre il-Maggur Robert Galea (ara supra) gie prodott it-Tabib David Cefai (fol 70 u fol 110 et seq ibid) u dan gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument markat Dok RG (ara 'supra') izda ma setax jiftakar id-data meta dan ir-rapport kien gie mahrug. Dwar id-dokument Dok KEB1 u Dok MB' (ara supra), hu specifika illi l-kitba fuq dawn id-dokumenti ma kienetx tieghu.

Ikkunsidrat

Illi Alfred Sant (fol 98 et seq ibid) imsemmi aktar il-fuq, spjega li hu kien sar jaf lill-akkuzat meta t-tnejn kienu membri tal-forzi armati. Hu kompla, biex qal illi kien spicca minn suldat madwar l-1989 fuq ragunijiet medici. F'okkazzjoni wahda waqt li kien f'hanut ta' partijiet ta' karozzi f'San Giljan, kien gie avvicinat mill-akkuzat u dan staqsieh jekk "… kontx ghaddejt minn Medical Board" bir-risposta fil-posittiv minhabba 'depression'. Hawnhekk ix-xhud jghid li kien spjega lill-akkuzat x'kienet il-procedura minghajr "… ma ghedt xejn irregolari".

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti, gew esebiti diversi 'files' in konnessjoni ma' dan il-kaz u li diga ssemmew fix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni in rappresentanza tad-Dipartiment tal-Verifika, tal-Forzi Armati u tad-Dipartiment tat-Tezor.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 127 ibid, xehed l-akkuzat minn jeddu u dan beda billi cahad, b'mod kategoriku, illi b'xi mod kien iffalsifika id-dokument a fol 32 ibid immarkat Dok MB1. Difatti hu ma kellu ebda access ghal dan id-dokument kif ukoll ghal kull "personal file" jew 'general file' tal-Forzi Armati. Dwar il-fatti hu semma' illi kien hareg 'on sick leave' fit-28 ta' Marzu 1989. Wara kien mar ghand it-Tabib tal-Forzi Armati li xehed f'dawn il-proceduri (ara 'supra'), dan kien qallu eventwalment, sabiex jipprocedi ghat-talba ghal pensjoni ta' invalidita billi jmur ghand … "professur". Ghalhekk kien talab il-parir ta' Alfred Sant dwar liema 'professur' seta' jikkonsulta. Ghalhekk fuq parir tal-istess Sant, kien mar ghand wiehed f'Tas-Sliema f'Tigne, u dan kien tah certikati li hu kkonsenja lit-tabib tal-Forzi Armati.

Eventwalment hu kien ircieva ittra sabiex jidher quddiem il-bord mediku u hu deher quddiem dan il-Bord darba wahda biss, xi sitt xhur wara li kien hareg b'"sick leave" ghall-ewwel darba, f'liema perjodu kien imur regolarment ghand l-istess tabib tal-Forzi Armati, li kien ukoll membru tal-istess bord. "Wara hafna zmien", hu beda jircievi l-pensjoni. Darba wahda, kien mar fid-Dipartiment tat-Tezor u kien gie infurmat li "… kont ghamilt xahrejn zejda ('bhala sick') u dawn kienu ser jinqatghu mill-pensjoni". Difatti l-hlas zejjed kien tnaqqas mill-pensjoni ("… mis-somma li filfatt kelli niehu"). Dwar il-kaz in esami, waqt li sostna li ma kien ghamel xejn "… sabiex ninganna lill-Gvern", hu qal ukoll illi "… jekk jirrisulta li kien hemm xi zball, jiena lest li nirrifondi il-hlas zejjed …". Fil-kontroesami hu semma li kien ilu fil-Forzi Armati ghal tnax-il sena' u ma kienx jaf kemm kien ser jithallas "… bhala lump sum" ghall-perjodu tas-servizz tieghu izda kien jaf illi din is-somma kienet tigi kalkolata "…sal-ahhar gurnata li tibqa' suldat". Hu kompla jghid billi kien jaqbel illi minhabba it-tibdiliet fir-rapport tal-bord mediku, hu kien thallas zejjed, "… pero ma kelli xejn x'naqsam". Fl-ahharnett hu allega li dan il-kaz kollu seta kien rizultat ta' vendikazzjoni min xi hadd injot.

Ikkunsidrat

Illi mill-fatti kif esposti, ghandu jigi rilevat is-segwenti:-

1) Ma hemm ebda dubbju illi l-akkuzat iggwadanja u ibbenifika minn dan il-kaz kif hawn fuq spjegat u kalkolat.

2) Dan il-fatt "per se" jista' jkun li hu sufficjenti sabiex wiehed jista' ragjonevolment jissuspetta illi l-akkuzat kien involut dolozament sabiex jista' jakkwista dan il-gwadann illecitu.

3) Pero, jkun opportun li terga' ssir referenza ghax-xhieda tal-Kurunell Rupert Montanaro u ta' Mario Brincat. Dawn kienu spjegaw illi meta originarjament, il-'file' tal-pensjoni tal-akkuzat kien gie rinvjat lid-Dipartiment tat-Tezor, dan kien intbaghat lura lill-Forzi Armati minhabba xi "query". F'dan l-istadju, l-istess 'file' kien intilef u ghalhekk, peress li ma instabet ebda tracca ta' dan il-'file', il-Kurunell Rupert Montanaro ghamel tentattiv sabiex jigi rikostitwit l-istess 'file' u dan a bazi ta' dokumenti fil-pussess tal-Forzi Armati. Dwar dan, u b'mod specjali l-anness Dok MB1, l-ewwel hu semma li dan kien inserit fil-'personal file' tal-akkuzat, izda sussegwentement ikkorega ruhu u qal li l-istess dokument kien instab minn membru tal-'istaff' tieghu f'wiehed mill-hekk imsejjha 'general files'. Inoltre kienet giet rintraccata kopja ohra tal-istess Dok MB1 f'file iehor maghruf bhala il-'headquarters file', liema kopja hi ukoll esebita bhala "Dok RM". Wara li l-file, hekk rikostitwit minnu, kien intbaghat lit-Tezor, wara li ghadda certu perjodu ta' zmien, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati kien informah dwar "tbaghbis' u kien intwera l-istess Dok MB1 u original, dan tal-ahhar fil-pussess tal-istess Forzi Armati, izda fil-"personal file' tal-akkuzat. Dwar din id-differenza l-istess Kurunell Montanaro semma illi kienet saret inkjesta interna u minn din l-inkjesta ma kienx irrizulta "… minn fejn kienet saret it-tibdila in esami".

Illi mill-istess provi, jigi rilevat illi sabiex il-Qorti tkun konvinta minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni, ghandu jirrisulta illi kien l-istess akkuzat, jew personalment jew permezz ta' intervent ta' terza persuna inkarigat minnu "ad hoc", illi dolozament attiva l-bidla fid-dokument in esami.

Illi, wara li qieset dawn il-provi, il-Qorti ma setghetx tikkonkludi, fuq bazi ta’ certezza, illi l-akkuzat dolozament ikkommetta r-reati addebitati lilu. Ma hemm ebda dubbju li, kif di gja inghad, l-akkuzat ghamel gwadann favur tieghu. Pero ghandu jinghad, ukoll, illi l-provi huma insufficjenti sabiex il-Qorti tikkonkludi, b’dak il-grad ta’ certezza rikjesta mill-ligi, illi l-akkuzat kien involut dolozament, fil-bidla tad-data li a bazi taghha kien ghamel tali gwadann. Difatti tali gwadann seta’ kien ir-risultat dirett ta’ zball meta kienet saret ir-rikostituzzjoni tal-‘file’ li kien intilef u kien intbaghat lit-Tezor wara r-rikostituzzjoni tieghu.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta’ dak premess l-akkuzat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi in esami waqt li jinghad ukoll illi l-istess akkuzat ghandu l-obbligu morali u legali li jirrifondi kull pagament li sar lilu u li ma kienx dovut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------